MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 372/2002/1

Avviz Nru:  372/02 DM

John u Rita konjugi MacKay

vs

Mario Zammit

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' elfejn u mitt lira (Lm2100) jew ammont verjuri in linea ta' danni minnhu ikkagunati u minnhom subiti in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Sliema fis-7 ta' Gunju 2000 meta waqt li kien qieghed isuq il-vettura Nru.  VVC 300 habat

mall-vettura nru JAV 421, proprjeta tal-atturi u misjuqa minn Sandro MacKay – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Jannar 2001, u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-data tal-presentata tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 It-talba attrici fil-konfront tal-konvenut hija infondata fid-dritt u fil-fatt u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante li l-incident tat-traffiku in kwistjoni sehh minghajr ebda htija da parti tal-istess konvenut, izda sehh unikament b'negligenza traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tas-sewwieq Sandro MacKay li kien qed isuq il-vettura JAV 421;

2 B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tad- 19 ta' Gunju 2003 fejn id-difensur tal-konvenut iddikjara illi il-kontestazzjoni ma tirrigwardax il-quantum tad-danni izda r-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi m'ghandhux tant rilevanzat il-kaz in kwistjoni l-fatt illi l-vettura misjuqa minn Sandro MacKay kienet provenjenti

minn Qui-si-sana u kienet ftit ta’ zmien, ftit sekondi qabel l-incident dahlet fi triq principali u dana peress illi z-zewg sewwieqa involuti jsosstnu illi huma kienu t-tnejn (2) mixjin ghad-dritt fit-triq principali u l-kawza tal-incident kienet dovuta ghal fatt illi wahda mill-vetturi telqet il-karreggjata taghha u invadiet il-karreggjata l-ohra.

Filwaqt li Sandro MacKay  isosstni li kien il-konvenut li ghamel din il-manuvra l-konvenut isosstni li kien Sandro MacKay li fil-fatt  ghamel din il-manuvra.

Ghalhekk il-Qorti trid tara x’jirrizulta mill-provi jekk fil-fatt kienitx vettura wahda jew l-ohra illi invadiet il-karreggjata tal-vettura l-ohra, jew jekk kienux it-tnejn (2) il-vetturi li ghamlu din il-manuvra u inoltre trid tara jekk kienx hemm ukoll xi cirkostanzi ohra li jistghu jinfluwixxu fuq ir-responsabbilta ta’ xi wiehed mis-sewwieqa.

Ix-xhieda okkulari Louis Micallef  u Anthony Zerafa ma tantx ghandhom rilevanza f’dan l-ezami peress illi t-tnejn (2) jikkonfermaw illi Sandro MacKay kien provenjenti minn Qui-si-sana, rawh jidhol fi triq principali  Tower Road, izda ma segwewx il-procediment tieghu fil-karreggjata tieghu u l-kollizzjoni grat xi ftit tal-hin wara meta kienu digia ‘l boghod mill-post tal-incident cirka (250) mitejn u hamsin metru.

Illi ghalhekk f’dan il-kaz ghandhu importanza kbira l-iskizz ippreparat minn Ps500 John Gusti, l-ufficjali illi nvestiga l-kaz, liema sketch jinsab esibit a fol 21 tal-process (Dok JG2).

Dan l-iskizz maghmul to scale jindika illi z-zewg vetturi, meta sehhet il-kollizzjoni kienu t-tnejn  qed jinvadu l-karreggjata l-ohra  b’parti mill-vettura  taghhom.  Izda filwaqt illi l-vettura misjuqa minn Sandro MacKay mill-posizzjoni taghha tidher illi kienet qedgha titlaq il-karreggjata destinata ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta, il-vettura tal-konvenut tidher li kienet qed titlaq il-karreggjata taghha u qedgha tibda tinvadi l-karreggjata l-ohra.

Ghalhekk dan jindika illi effettivament qabel il-habta kienet il-vettura ta’ misjuqa minn Sandro MacKay li fil-fatt kienet qedgha tinsaq fuq il-karreggjata il-hazin tat-triq principali u mhux dik ta’ Mario Zammit.

Dana huwa anke wkoll korraborat mill-fatt illi l-hsara fil-vettura  ta’ Sandro MacKay hija kkoncentrata iktar fuq il-kantunira ta’ quddiem tal-lemin milli fuq in-nofs ta’ quddiem, u dan jindika illi mall-habta din il-vettura kienet fil-fatt angolata kif tidher fl-isketch.

Il-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut kif spiccat wara l-habta u kif hija angolata mall-karreggjata l-ohra hija indikattiva wkoll illi l-konvenut fil-fatt ftit qabel il-habta  kien qiegħed fil-karreggjata tieghu u l-posizzjoni tal-vettura tieghu tikkorrobora dak li xehed  hu illi fil-fatt kien qed jitlaq din il-kareggjata biex jiehu azzjoni evaziva u biex jevita l-vettura misjuqa minn Sandro MacKay.

Ghalhekk jidher illi l-kawza principali ta’ din il-kollizzjoni kien is-sewwqan imprudenti ta’ Sandro MacKay illi ma kienx qieghed isuq il-vettura tieghu fil-karreggjat tan-naha tax-xellug tieghu destinata ghat-traffiku li kien qed isuq fid-direzzjoni ta’ San Giljan.

Izda billi t-triq Tower Road fil-parti taghha fejn gara l-incident hija triq ghad-dritt u ta’ certa wisa’ li tofri vizwali fit-tul lill kull sewwieq li jkun qed juzaha jimplika illi z-zewg sewwieqa kieku kienu  attenti ghal dak li qieghed jigri fit-triq, kienu jindunaw bil-prezenza ta’ xulxin minn zmien qabel ma saret il-kollizjoni.

Dan ghalhekk jimporta illi kull wiehed minnhom setgha jiehu  azzjoni evasiva u jidher illi r-ragun principali ghaliex il-vetturi ma rnexxielhomx jevitaw lil xulxin kienet il-velocita’ eccessiva li biha kien qieghed isuq il-konvenut, li ex admissis jistqarr li kien qieghed jsuq b’velocita ta’ (55mfs) hamsa u hamsin mil fis-siegha.  Dan huwa wkoll ikkonfermat mill-hsara estensiva li sofrew iz-zewg vetturi.

Ghalhekk iz-zewg sewwieqa ghandhom ikunu tenuti responsabbli ghall-incident in kwistjoni bir-responsabbilta’

ta’ Sandro MacKay pero ikbar minn dik tal-konvenut billi kif digia nghad, il-kawza principali ta’ din il-kollizzjoni kienet is-sewwqan fil-karreggjata l-hazina da parti minn Sandro MacKay.

Ghaldaqstant il-Qorti qedgha taqsam ir-responsabbilta bejn iz-zewg (2) sewwieqa fi grad ta’ 2/3 (zewg terzi) ghal Sandro MacKay u 1/3 (terz) ghal konvenut, u ghaldaqstant issib illi l-konvenut ghandhu 1/3 (terz ) mir-responsabbilta’ ghall-kollizzjoni u ghad-danni konsegwenzjali li sofrew l-atturi.

Billi ma saritx kontestazzjoni mill-konvenut dwar il-quantum tad-danni, li ghalhekk jirrizulta li jammonta fis-somma ta’ Lm2100 (elfejn u mitt lira Maltin) il-Qorti qedgha tilqa t-talbiet attrici limitatament billi tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall kollizzjoni in kwistjoni in kwanut ghal 1/3 (terz) u ghalhekk tikkundannah ihallas terz (1/3) tad-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta’ Lm700 (seba’ mitt lira Maltin).

L-ispejjez ghandhom jinqasmu in kwantum ghal zewg terzi (2/3) ghall-atturi u terz (1/3) ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------